MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 654/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**LAWRENCE CILIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lawrence Cilia ta' 60 sena, bin Guzeppi u Maria Alessia nee' Mifsud, imwieled Ghaxaq, fit-2 ta' Ottubru 1946, residenti fi Flat 3. Block V, Triq il-Jum, Marsa, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 845746(M);

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn it-13 ta' Jannar 2006 u l-15 ta' Gunju 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi,

jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi t-tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) ghad-dannu ta' diversi persuni;

kif ukoll talli talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu ammont ta' flus li jeccedi t-tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (Lm23,000) ghad-dannu ta' diversi persuni;

u aktar talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 30 ta' Ottubru 2003;
kif ukoll talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrat b'sentenza taghha ta' nhar il-15 ta' Dicembru 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok AG3 u nnutat li l-imputat Lawrence Cilia m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghar-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda l-kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' Sentenza sospiza, li b'Sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu, 2012 gie provdut rigward din l-akkuza, liema Sentenza msemmija giet ippresentata llum bhala Dok SA1 permezz ta' Nota, u konsegwentement l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija raba' akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, fis-Seduta tallum, inkwantu ghat-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba fit-Tahrika stante li mir-Rapport esebit fl-atti tal-kawza bhala Dok VP1 jirrizulta li l-imputat m'ghandu l-ebda assi.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 308, 309, 310(1), 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Lawrence Cilia, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel tlett akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Lawrence Cilia ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Rigward ir-raba' (4) akkuza migjuba kontra l-imputat Lawrence Cilia, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din ir-raba' (4) akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija raba' (4) akkuza.

Rigward it-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din it-talba kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija talba.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Lawrence Cilia sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' elf u disgha u tmenin Ewro u disgha u disghin centezmi ta' Ewro (Ewro 1089.99) rappresentanti spejjes inkorsi f'din il-kawza bin-nomina ta' Dr. Patrick Valentino f'din il-kawza. (Ara Relazzjoni Dok VP1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------